MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 913/2000/1

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Lawrence Refalo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm380.56) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju 2000 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm380.56,0 bl-imghaxijiet legali mit-13 ta’ Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Gunju 2000.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur